**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 22**

**Data:** **27 ta' Novembru, 2020**

**Hin:** **08.30am**

**Post:** Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Louis Apap* | *Vici Sindku* |
| *Tonio Mifsud* | *Kunsillier* |
| *Joseph Mizzi* | *Kunsillier* |
| *Miriam Borg* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

**AGENDA**

22.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;

22.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

22.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

22.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

22.5 Korrispondenza u Rapporti;

22.6 Grada quddiem il-Monument ta' l-Isqof Cauchi;

22.7 Attivitajiet tal-Milied;

22.8 Laqgha Annwali;

22.9 Progetti u Xogholijiet;

22.10 Materji ohra;

22.11 Skeda ta' Pagamenti;

22.12 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

---

**22.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;**

22.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apologiji.

**22.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

22.2.1 Il-Minuti gew approvati bhala dokument korrett.

**22.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

22.3.1 Is-Sindku semma l-Progett taht il-Mizura 4 li fih jinkludi l-kostruzzjoni tal-Meeting Hub. Huwa qal li l-Awtorita' ta' l-Artijiet kienet tat il-*clearance* min-naha taghha sabiex il-Kunsill jipprocedi bix-xogholijiet. Ghaldaqstant huwa ssugerixxa sabiex fil-jiem li gejjin il-Kunsill jiehu hsieb li jinhargu l-offerti fuq il-portal sabiex jinbeda' l-process. Il-Kunsll qabel li ghandhom jinhargu l-offerti relatati. Fl-istess waqt gie diskuss min ser ikun fuq il-bord fejn il-Kunsill qabel li ghandhom ikunu l-Accountant tal-Kunsill, il-Perit flimkien ma' William Sultana. F'kaz ta' materjal tekniku l-board ikunu jista' jikkonsulta ma' persuni teknici ohra.

22.3.2 Is-Sindku semma li f'Dicembru ser ikun hemm il-Buxter Festival li gie diskuss precedentament waqt il-laqgha tal-Kunsill. Huwa qal li b'kollox ser ikun hemm 10 performers li ser ikunu qed janimaw matul it-toroq kif ukoll Father Christmas. Is-Sindku ssugerixxa sabiex minhabba s-sitwazzjoni ta' din is-sena, Father Christmas iqassam token lil kull familja. Huwa zied jghid li dan jista' jsir b'ghajnuna minn NGOs sabiex jitqassam wiehed f'kull familja u ma jkunx hemm fejn jitqassam aktar minn wiehed. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta. Saret diskussjoni jekk ir-rigal tat-tfal ghandux jitqassam fl-istess gurnata. Tonio Mifsud staqsa jekk l-animaturi humiex diga maghluzin. Gie spjegat li fil-preparamenti giet ikkuntatjata l-kumpanija Leon Promotions fejn dan ta' l-ahhar wera interess li jipprovdi 10 animaturi ghal saghtejn. L-istess kuntrattur lest li jiehu hsieb l-attivita' u jkunu responsabbli ghalihom. L-animaturi ser jitqassmu matul it-toroq. Miriam Borg issugeriet li ghandu jitqassam avviz sabiex ir-residenti jkunu nfurmati bil-hin li fihom ser ikun hemm l-animaturi fit-triq taghhom.

22.3.3 Joseph Mizzi staqsa jekk l-Opra u Make Music Great humiex ser isiru. Gie

spjegat li minhabba l-pandemija dawn mhumiex ser isiru. Il-Kunsill innota li mhux vijabbli li jitellghu dawn l-attivitajiet minghajr il-possibilita' li jkun hemm udejenza ghalihom.

Attivita' ohra ser ser tkun imtella' fil-granet tal-Milied hija ikla ghall-persuni anzjani jew li jghixu wehidhom. Din l-attivita' ser tittella' bil-kollaborazzjoni mir-Regjun ghal Ghawdex flimkien mall-Kunsilli Lokali Ghawdxin. Tonio Mifsud qal li tajjeb li din l-ikla tkun fil-gurnata tal-Milied propja pero' gie innotat li din tkun decizjoni tar-Regjun. Gie innotat li ghal din l-ikla hemm zewg caterers li jipprovduhom wiehed ikun jista' jservi ikla shuna u l-iehor iservi ikla kiesha.

Is-Sindku spjega li r-Regjun ghal Ghawdex qed jipproponi ukoll li hemm kor f'kull rahal idur it-triq biex jferrah lir-residenti f'dan iz-zmien. Dan il-kor ser ikun parti sponsorjat mir-Regjun bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill. Gie spjegat li meta l-Kunsill ipprova jaghmel kuntatt biex wiehed mil-korijet tal-parrocca jiehdu sehem il-Kunsill gie infurmat li dan mhux ser ikun possibli ghaliex kien hemm direttivi li l-korijiet m'ghandhomx jiltaqghu. Sadanittant il-Kunsill qabel li ghandu jara jekk ikunx hemm possibilita' b'mod iehor li jsir kant minn xi kor iehor. Ser jigu avvicinati l-Corus Urbanus ta' Mro Colin Attard.

Attivita' ohra li ser tigi organizzata matul ix-xahar ta' Dicembru hija l-maratona li kif gie maqbul precedentament ser issir fit-13 ta' Dicembru u dan wara li inkisbu l-permessi mehiega. Il-Kunsill iddiskuta' din il-materja fejn qabel li minhabba ragunijiet ta' sahha l-partecipanti ghandhom jinqassmu fi gruppi u kull participant jitlaq ghalih. Apparti dan il-premijiet ghandhom jitqassamu aktar tard mall-gurnata sabiex ma jkunx hemm hafna nies fil-pjazza. Is-Sindku spjega li b'kollox hemm madwar 30 partecipant bejn adulti u tfal. Huwa qal li m'ghandhomx ikun hemm limit ta' bejn 50 u 60 partecipant. Miriam Borg issugeriet li jinfetah il-grawnd biex ikun jista' jsir warm up fih u ma jkunx hemm hafna nies fejn xulxin. Il-Kunsill qabel li jekk ikun hemm min jitlob din il-possibilita' ghandu jinghata l-access pero' m'ghandiex issir pubblicita' minhabba il-migema.

22.3.4 Is-Sindku spjega li wasal suggeriment minghand residenti ghal Triq Birbuba fir-rigward ta' sewqan eccessiv. Huma ssugerrew li sabiex tigi eliminata l-problema tintbghat ittra lir-residenti u possibilment lil dawk li jaghmlu uzu minn din it-triq fejn f'din l-ittra jigi miktub li jekk is-sitwazzjoni ma tinbidilx il-Kunsill ser ikollu jinstalla sleeping policeman jew jitwahhal traffic light. Apparti dan huma ssugerrew ukoll tabella slow u tabella no horn. Tkompliet id-diskussjoni fejn is-Sindku ssugerixxa li fil-prezent ghandha ssir it-talba ghal tabella sign u ohra no horn u wara jigu nfurmati r-residenti. Gie innotat ukoll li l-problema hi li apparti r-residenti hemm ukoll persuni li jigu fil-kumplessi ta' akkomodazzjoni. Miriam Borg ssugeriet li jkun hemm gwardjan idur f'diversi zoni. Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li fil-prezent ghandha ssir talba ghal twahhil ta' tabelli u jintalab li jsir enforcement. F'kaz li s-sitwazzjoni ma tinbidilx, ir-residenti ghandhom jintalbu jaghtu l-opinjoni taghhom fejn jaghzlu jekk ghandux jigi installat sleeping policeman jew traffic light.

22.3.5 Is-Sindku informa lill-membri li l-inizjattiva bl-isem ‘LC Care’ kienet giet approvata. Permezz ta’ din l-iskema l-qtates kienu ser jigu sterilizzati u mitmughin. Is-Sindku ssugerixxa li din ghandha ssir fil-parti t’isfel ta’ Triq Dun Alwig Mizzi fejn diga hemm min jiehu hsieb il-qtates hemmhekk. Joseph Mizzi staqsa fir-rigward tal-Cat Café’ ta’ Triq Trux fejn gie spjegat li dik kellha x’taqsam mall-Ministeru ghal Ghawdex u l-ohra kienet mall-Ministeru ta’ l-Agrikultura’. Il-Kunsill qabel li permezz ta’ ‘LC Care’ ghandha ssir fi Triq Dun Alwig Mizzi kantuniera ma’ Felic Grech.

22.3.6 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien ircieva suggeriment sabiex isir kors dwar in-nahal. Giet diskussa din il-materja fejn il-Kunsill qabel li ghandu jsir dan il-kors online. Joseph Mizzi ghadda informazzjoni dwar persuna li setghet tkun interessata li torganizza tali kors.

22.3.7 Is-Sindku qal li kors iehor li gie ssugerit kien kors ta’ kif isir il-hobz. Il-Kunsill qabel li jorganizza dan il-kors online.

**22.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

22.4.1 Giet trattata korrispondenza minghand Joseph Mizzi b’diversi mistoqsijiet kif segwenti:

Domanda dwar qtugh tal-haxix hazin u buzbiez fiz-zona ta' Wied ir-Raghab kif ukoll tindif taz-zona – Is-Sindku spjegat li hekk kif ikun possibli dan ix-xoghol ser isir mill-haddiema tal-Kunsill. Aparti dan f’dan il-post ser isir ukoll bini ta’ hitan tas-sejjieh u ghaldaqstant xoghol ta’ tindif ser isir ukoll mill-kuntrattur waqt l-andament tax-xoghol.

Domanda dwar meta ser titwahhal il-magna tal-AED – Gie spjegat li dawn ser jitwahhlu meta il-kumpanija ser tkun disponibbli biex tinstalla. Tonio Mifsud issugerixxa li jsir flyer f’dan ir-rigward. Gie spjegat li huwa ppjanat li jsir kors online.

Domanda dwar CCTV cameras li kienu twahhlu fiz-zona ta' Santu Pietru jekk ghadhomx jahdmu u jekk hux se jitwahhlu f'post iehor – Gie mifhum li qed issir referenza ghat-tender tac-CCTV li kienet harget xhur ilu fejn intqal li l-kunsill kien iddiskuta din il-metrja fl-laqgha precedenti u kien hemm qbil li dak is-servizz ma jinxtarax u flok jitwahhlu cctv jahdmu bil-pannelli li jiswew hafna inqas minn dawk fit-tender. Kien hemm qbil li bhalissa jibqghu juzaw dawk prezenti fil-post li qeghdin u jekk ikun hemm xi problemi jkunu installati ohrajn.

Domanda dwar jekk kienx gie pprezentat r-risk assessment u jekk il-Kunsilliera jistghux jarawh, x’rakkomandazzjonijiet fih u jekk hemmx pjan li jsir xoghol ta’ manutenzjoni u tisbih – Gie spjegat li r-rapport kien sar u r-rakkomandazzjonijiet kienu ttiehdu l-passi mehtiega biex jitrangaw.

Domanda dwar l-isleeping policeman li kien hemm fi Triq San Dimitri fejn

staqsa ghaliex kienu tnehhew u jekk hux ser jergghu jitpoggew – Gie spjegat li dawn kienu tnehhew fuq bazi temporanja minhabba l-Kite and Wind festival pero' kienet decizjoni tal-Kunsill jekk jergghux isiru jew le.

Domanda dwar l-attivita' tal-Kite Festival jekk il-Kunsill harigx flus mill-fondi tieghu jew jekk l-ispejjez kienux kollha koperti. Aparti hekk jekk minbarra l-Ministeru ghal Ghawdex kienx hemm entitajiet ohra nvoluti li ghenu sabiex jingabu fondi ohra ghal din l-attivita' – Is-Sindku spjega kif kien pjanat fil-progett. Huwa sostna li hem l-assistenza mill-Ministeru ghal Ghawdex peress li din illum titqies bhlaha estival nazzjonali u imdahla fil-kalendarju kuturali Ghawdex. Is-sindku semma ukoll l-ghajnuna tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Sadanittant il-Kunsill qed jistenna' li jinhargu l-inizjattivi godda biex ikun jista' japplika.

## 22.5 Korrispondenza u Rapporti

22.5.1 Gew trattati s-segwenti applikazzjoni minghand l-Awtorita' ta' l-Ippjanar: RG/00999/20, PA/0311/20, RG/01098/20, PA/07928/20 u PA/07441/20.

22.5.2 Giet trattata korrispondenza minghand ir-Regjun t'Ghawdex fir-rigward ta' l-ispejjez relatati ma' l-istreaming tal-laqghat. Is-Sindku spjegat lill-membri li din il-materja giet diskussa waqt il-laqgha regjonali fejn il-Kunsilli innotaw li mhumiex jinghataw assistenza ghall-ispejjez kollha li qed jiswew lill-Kunsilli wara direttivi u delegi godda li jinhargu. L-ideja hija li ssir pressjoni sabiex kulhadd ikun maqghud sabiex b'hekk ikun hemm possibilita' ta' ghajnuna. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li ghandu jinghaqad mall-Kunsilli Lokali l-ohra.

22.5.3 Giet trattata korrispondenza minghand ir-Regjun t'Ghawdex fir-rigward tal-kuntratt tad-dawl tat-toroq fejn il-Kunsilli gew infurmati li dan il-kuntratt kien skada u ghaldaqstant il-Kunsilli kienu qed jigu mitluba jaghtu l-go ahead min-naha taghhom sabiex tinhareg l-offerta u jekk hemm xi problemi ghandhom jitnizzlu biex tittiehed nota taghhom waqt il-preparazzjoni ta' l-offerta'. Il-Kunsill iddiskuta din il-korrispondenza fejn gie innotat li l-unika problema li qed jiltaqa' maghha l-Kunsill huwa d-dewmien min-naha tal-kuntrattur. Il-Kunsill qabel li ghandu jinghaqad ghal darb'ohra ma' Kunsilli Lokali fil-hrug ta' l-offerta'.

22.5.4 Giet trattata korrispondenza minghand l-Assocjazzjoni tal-Gvern Lokali fir-rigward tal-Health Insurance ghall-Kunsilliera u Staff. Il-Kunsill qabel li ghandu jgedded din il-polza.

22.5.5 Giet trattata korrispondenza minghand it-Transport Malta fejn il-Kunsill gie infurmat li l-applikazzjoni tieghu ghal 'permanent mobility' ma kienetx giet accettata.

Fuq din in-nota s-Sindku nforma lill-membri li wara s-sejha li hareg il-Kunsill kien hemm disa' persuni li kienu interessati f'mutur ta' l-elettriku. Il-Kunsill

iddiskuta dan il-punt fejn gie innotat li kien hemm min ghandu muturi pero' ma kienx qed jaghmel uzu minnhom. Ghaldaqstant gie issugerit li ghandu jigi verifikat l-uzu ta' kull mutur u min mhux qed jaghmel uzu kif suppost ghandu jirritornah. Il-Kunsill qabel li ghandu jirtira dawk il-muturi li ma lahqux il-kilometri stipulati ghandhom ikunu migbura lura.

Il-Kunsill kompla jiddiskuti fejn fil-muturi l-godda l-policy ghandha tkun li min igib il-licenzja tal-karozza ghandu jirritorna l-mutur u mhux min igib karozza peress li l-vetturi jkunu registrati fuq il-genituri u mhux fuq it-tfal. Il-Kunsill qabel li ghandha tinbidel din il-policy fuq il-kuntratti l-godda.
Is-Sindku qal li l-Kunsill irnexxielu jsib mechanic li jkun qed jiehu hsieb il-muturi li kien qieghed ukoll f'kuntatt mad-ditta fl-Ingilterra ghal dak li jkun hemm bzonn. Bhala servizz jiswa €50 fis-sena fuq kull mutur. Il-Kunsill qabel li dan il-mechanic ghandu jkun inkarigat minnhom.

22.5.6 Giet trattata korrispondenza minghand it-Transport Malta fejn il-Kunsill gie infurmat li l-applikazzjoni ghal parkegg b'dizabilita' fi Pjazza Nikol G. Cauchi ma gietx milqugha.

22.5.7 Joseph Mizzi staqsa jekk kienx hemm xi risposta dwar iz-zebra crossing ta' Triq l-Gharb / Frangisk Portelli. Gie spjegat li l-Kunsill ghadu qed jistenna risposta.

22.5.8 Fir-rigward tal-progett Slow Street il-Kunsill gie infurmat li ser jigi diskuss f'laqgha ohra. Il-Kunsill ser jara jekk il-Perit inkarigat kienx possibli li jkun online u jispjega s-survey waqt il-laqgha.

**22.6 Grada quddiem il-Monument ta' l-Isqof Cauchi**

22.6.1 Is-Sindku gibed l-attenzjoni li fil-Pjazza taz-Zjara tal-Madonna fejn hemm il-monument ta' l-Isqof Nikol G. Cauchi kien hemm vetturi li kienu qed jipparkjaw fuq l-irhama u din ma kienetx haga sewwa. Ghaldaqstant huwa ssugerixxa li ssir tip ta' grada biex dan jigi evitat. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

22.6.2 Il-Vici Sindku qal li l-parti ta' quddiem ic-cimiterju issa li ghadda x-xahar ta' Novembru tista' ssir. Il-Kunsill qabel li ghandu jinghata bidu ghal dan ix-xoghol.

22.6.3 Miriam Borg staqsiet dwar jekk il-bollards li kienu gew issugeriti fil-kantuniera fejn isir parkegg kienux gew approvati. Gie spjegat li t-Transport Malta ma kienux approvaw dawn il-bollards.

**22.7 Attivitajiet tal-Milied**

22.7.1 Dawn gew diskussi aktar 'il fuq.

**22.8 Laqgha Annwali**

22.8.1 Il-Kunsill gie infurmat li l-laqgha Annwali tal-lokalita' ghandha ssir sal-15 ta' Dicembru. Is-Sindku ssugerixxa li peress li din is-sena minhabba s-sitwazzjoni tal-Covid-19 mhuwiex ghaqli li jigu mistiedna nies b'mod fiziku. Il-Kunsill iddiskuta dwar din il-laqgha u qabel li din ghandha tkun inkluza waqt il-laqgha tal-Kunsill li jmiss fit-18 ta' Dicembru u min ikollu xi suggeriment li jrid jiddiskuti ghandu jibghat permezz ta' email u dawn jigu diskussi waqt il-laqgha li ser tixxandar live.

22.8.2 Il-Kunsill qabel li ghandu jorganizza l-ikla tal-Milied ghall-Kunsilliera li bhala dati proposti kien hemm 16, 20 jew 23 ta' Dicembru.

**22.9 Progetti u Xogholijiet**

22.9.1 Gie spjegat li l-Kunsill kien qieghed f'diskussjoni mall-kuntrattur fir-rigward tax-xogholijiet ta' Triq Birbuba fejn il-Kunsill kien qed jistenna l-istejjem jinhadmu sabiex jigu evalwati mill-Perit. Il-Kunsill kompla jiddiskuta dwar dawn ix-xogholijiet u s-servizzi fejn l-Enemalta ser tkun qeghda taghmel trinka sabiex tikkuntatja l-cables ta' din iz-zona u wara jibqa' l-contact bejn il-parti ta' Triq Felic Grech u Dun Alwig Mizzi fejn idejalment dan jghaddi minn taht il-bankini. Is-Sindku ssugerixxa ukoll li n-naha tal-ghelieqi ghandha ssir bankina. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

22.9.2 Gie spejgat li xogholijiet ohra li qed isiru huma dawk fuq il-funtana tal-Pjazza sabiex din titranga u tkun tista' terga' tibda tiffunzjona kif ukoll zebgha mill-gdid.

**22.10 Materji ohra**

22.10.1 Giet diskussa l-bankina ta' Triq Frenc ta' l-Gharb fejn jidher li kien hemm ogezzjoni mir-residenti u ghaldaqstant kien sar survey min-naha tal-Ministeru ghal Ghawdex. Minn dan irrizulta li l-izjed parti dejqa hija wisa' 4.8m. Il-bankina ezistenti hija wisa' .6m u fuq in-naha l-ohra tista' tkun ta' massimu .5m filwaqt li jitnehha l-parkegg kollu. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li ghandu jsib kompromess mar-residenti sabiex il-bankina issir ta' pied u jithallew il-parkings sa fejn hu possibli. Gie innotat ukoll li dan jista' jigi deterimat b'mod finali sakemm ikun hemm it-truck tar-rubbish fuq il-post. Il-Kunsill qabel li ghandu jara t-truck u possibilment bi ftehim mas-sidien.

22.10.2 Giet trattata talba minn resident fil-parti t'isfel ta' Triq Trux fir-rigward ta' problema ta' ilma. Gie spjegat li din il-problema giet diskussa anke' fil-legistlatura ta' qabel fejn ir-resident kien qabel li ssir sleeping policeman u kien insista li ssir grada min-naha l-ohra tat-triq pero' l-culvert ma kienx maghmul biex jiflah ilma tat-triq. Il-Kunsill kien talab ukoll lir-resident li jekk qed jirsisti hekk huwiex lest li jkun responsabbli jekk jimtlew bl-ilma r-residenti l-ohra. Gie spjegat li hu qatt ma kkonferma. Apparti dan huwa kien bghat email bir-ritratti u jidher car li l-livelli qatt ma inbidlu. Giet spjegat ukoll li bil-kunsens tieghu kienet saret ukoll bankina u sar pipe tahta kif talab hu. Tkompliet id-diskussjoni fejn gie issugerit ukoll sleeping policeman fejn fin-nofs ikun hemm fejn jghaddi

l-ilma biex b'hekk ma jghaddix ghan-naha tieghu. Mezz iehor li jista' jaghmel ilqugh ghall-ilma b'mod temporanju bhal ma kien isir fil-passat. Il-Kunsill qabel li ghandha tigi proposta l-isleeping policeman.

**22.11 Skeda ta' Pagamenti**

22.11.1 L-iskeda tal-pagamenti giet approvata mill-Kunsill.

**22.12 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

22.12.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar il-Gimgha 18 ta' Dicembru, 2020 fit-8.30am.

22.12.2 Il-laqgha spiccat fl-10.17am.

Konfermati minn

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv